2024

# Linji Gwida
# tal-Assessjar Kontinwu

## *IĊ-ĊES MALTI*

### 11-il SENA

malti.skola.edu.mt

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Kitba – 11-il Sena

L-għalliema jridu jagħtu l-marka finali tal-assessjar fuq ix-xogħol identifikat għall-assessjar wara prova għal kull ġeneru ta' kitba.

Il-ġeneru tal-kitba twila (**L1-2 bejn 240 - 270 kelma u L2-3 bejn 270 - 300 kelma**) li jrid isir huwa:

| **11-il sena** |
|---|
| **Kitba ta' Editorjal** |

Il-bqija tal-kitbiet it-twal iridu jsiru xorta għalkemm ma tinżammx marka għall-assessjar kontinwu. **Ikkonsulta l-ġeneri tal-kitba tas-sillabu mid-9 sal-11-il sena.**

L-għalliema jridu jfasslu lezzjonijiet li fihom jgħallmu u jiddiskutu mal-istudenti:

- il-karatteristiċi ewlenin tal-ġeneru tal-kitba li jkunu ser jagħtu;
- billi jippreżentaw mudelli biex l-istudenti janalizzaw u jiskopru dawn il-karatteristiċi;
- billi jagħmlu diskussjoni fuq il-kontenut u kif jiġi żviluppat pjan,
- jgħallmu l-proċess tal-kitba, speċjalment fejn jidħol l-editjar qabel il-pubblikazzjoni u ħwejjeġ oħra li jgħinu lill-istudenti biex jaslu għal kitba tajba.

**Ġeneri differenti japplikaw għal kitbiet differenti.**

**Il-ġeneru tal-kitba jrid jissemma f'kull titlu.**

## It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba Twila (20 marka)

| Il-kriterji | Livell 1 (30%) | Livell 2 (30%) | Livell 3 (40%) | Il-marki miksubin mill-kandidat |
|---|---|---|---|---|
| **L-istil imħaddem skont il-ġeneru u l-udjenza mogħtija fit-titlu** | **0-1**<br>Il-kitba ma fihiex jew fiha ftit li xejn evidenza bażika ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | **2**<br>Il-kitba fiha xi evidenza bażika ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | **3-4**<br>Il-kitba fiha evidenza ċara ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | |
| **Il-kontenut jew l-ideat b'rabta mat-titlu magħżul.** | **0-1**<br>Il-kitba ma tiżviluppax b'mod ċar. | **2**<br>Il-kitba ftit turi li tiżviluppa b'mod ċar. | **3-4**<br>Il-kitba tiżviluppa l-ideat b'mod ċar. | |
| **Is-sekwenza/koerenza u r-rabta bejn il-partijiet** | **0-1**<br>Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix. | **2-3**<br>Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara. | **4**<br>Il-kitba turi rabta ċara bejn il-partijiet kif ukoll sekwenza u koerenza. | |
| **L-idjoma u l-lessiku mħaddem** | **0-1**<br>Kitba mhux skont l-idjoma Maltija u b'lessiku limitat ħafna. | **2**<br>Kitba li timxi xi ftit mal-idjoma Maltija, b'lessiku bażiku marbut mat-titlu. | **3-4**<br>Kitba li timxi mal-idjoma Maltija, b'lessiku mifrux sew marbut mat-titlu. | |
| **Il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ortografija u l-grammatika b'risq reqqa fil-kitba** | **0-2**<br>Il-kitba fiha għadd mhux ħażin ta' żbalji ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu ħażin tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi sempliċi u b'sintassi mhux preċiżi;<br>▪ Kitba b'għadd kotran ta' żbalji tal-ortorgrafija u tal-grammatika. | **3**<br>Il-kitba ftit fiha żbalji ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu kważi preċiż tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi mħalltin u b'sintassi kważi bla żbalji;<br>Kitba bi ftit li xejn żbalji tal-ortorgrafija u tal-grammatika. | **4**<br>Il-kitba kważi nadifa minn żbalji ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu preċiż tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi mħalltin u b'sintassi bla żbalji;<br>▪ Kitba bla ebda żbalji tal-ortorgrafija u tal-grammatika. | |
| **Total** | **6 marki** | **12-il marka** | **20 marka** | **Minn 20 marka** |

**Aktar tagħrif marbut mal-iskema tal-marki tal-kitba kreattiva**

**L-iżbalji**

Żbalji tal-grammatika **(marka)**, tal-ortografija **(marka),** tal-punteġġjatura **(marka)** u tas-sintassi **(marka)**:

Rigward żbalji ortografiċi titnaqqas marka għal kull 6 żbalji differenti.

Rigward żbalji grammatikali titnaqqas marka għal kull 4 żbalji differenti.

Żbalji tal-punteġġjatura u tas-sintassi – Titnaqqas il-marka tal-punteġġjaura jekk ikun hemm 2 żbalji u titnaqqas il-marka tas-sintassi jekk ikun hemm 2 żbalji.

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Qari jew Il-Metalingwa – 11-il Sena

L-għalliema jridu jagħtu **xogħol WIEĦED** ta' taħriġ il-fehem, li bih jassessjaw din il-kisba ġenerali:

- **K6 - Nagħraf il-funzjoni tat-test moqri skont l-iskop u l-udjenza li għalih inkiteb.**

**(20 marka kull taħriġ il-fehem)**

It-taħriġ il-fehem jista' jinkludi eżerċizzji li jassessjaw waħda jew iktar minn dawn il-kisbiet.

It-test tal-qari għandu jkun twil **300 kelma u mhux aktar minn 350 kelma**.

It-test jista' jittieħed kemm minn sorsi stampati kif ukoll dawk diġitali. Importanti li dejjem jiġi rikonoxxut is-sors minn fejn tkun ittieħdet is-silta.

Il-mistoqsijiet għandhom ikunu **tmienja (8)** mħallta u ggradati li jinkludu għadd ta':

- **mistoqsijiet diretti** fejn it-tweġiba tittieħed direttament mit-test;
- **mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma, il-qwiel u l-lessiku Malti** skont kif użati fit-test;
- **mistoqsijiet fejn jintalbu opinjoni u raġuni** għaliha fuq dak li jkunu qraw;

It-tipi tat-taħriġ jistgħu jkunu:

**Wieġeb, għażliet multipli, veru jew falz, imla l-vojt, islet/sib mit-test, kompli s-sentenza, sib it-tema ewlenija tat-test moqri, sekwenza ta' ġrajjiet/argumenti, relevanza u tqabbil tal-qari mal-esperjenzi tal-istudent.**

**JEW**

L-għalliema jridu jagħtu xogħol **WIEĦED** li jinkorpora eżerċizzju ta' morfoloġija f'kuntest u eżerċizzju ieħor tas-semantika, li bih jassessjaw kisba ġenerali **nru 10**.

It-tipi ta' eżerċizzji jistgħu jkunu: **aqra s-silta u wieġeb, għażliet multipli, imla l-vojt skont il-kuntest, tinqija u islet/sib mit-test, agħżel kelma oħra flok, agħżel it-tifsira/ir-raġuni, aqta' linja taħt it-tajba u agħżel il-qasam li jorbot it-tifsira ta' dan il-kliem**.

## Testi Letterarji

Irid isir xogħol **WIEĦED** b'rabta ma' testi letterarji:

- **Test mhux imħejji** li juri l-analiżi, l-apprezzament letterarju u r-reazzjoni mill-qari ta' xogħlijiet letterarju **(novella/proża/poeżija)**

JEW

- **Komponiment letterarju** li juri l-analiżi letterarju tax-xogħlijiet tal-antoloġija skont is-snin partikolari **(Livell 1-2 – 150 kelma u Livell 2-3 – 200 kelma)**.

**(10 marki – test mhux imħejji u 20 marka – komponiment letterarju)**

**(Ix-xogħlijiet letterarji użati għat-test mhux imħejji m'għandhomx jaqbżu l-200 kelma)**

Fil-każ tat-test mhux imħejji għandhom jingħataw **erba' (4) mistoqsijiet**. It-taħriġ li jingħata fl-analiżi letterarja m'għandux ikun maħsub biss biex jiġi assessjat l-għarfien tal-plott/il-ġrajja biss tat-test letterarju imma għandu jinkludi fatturi oħra ewlenin bħall-iżvilupp tal-karattri, iż-żmien, l-isfond, it-teknika użata, il-lessiku, it-ton tas-silta, l-figuri letterarji u l-bqija. Għandu jkun hemm ukoll mistoqsijiet li jitolbu r-reazzjoni u l-fehmiet raġunati tal-istudenti għal dak li jkunu qraw fit-test mogħti.

Huwa importanti li fil-klassi waqt il-lezzjoni tal-qari, speċjalment dak tal-proża, l-għalliema jaraw li

- jħeġġu u jqabbdu lill-istudenti biex l-ewwel qari tat-test/kapitlu jagħmluh minn qabel id-dar;
- waqt il-lezzjoni jiddedikaw il-ħin għal attivitajiet ta' apprezzament letterarju.

Għalhekk fil-klassi:

- għandu jkun hemm biss il-qari ta' siltiet partikulari mill-istudenti waħidhom, f'pari, fi gruppi, qari mgħajjat, u l-bqija.
- għandhom isiru attivitajiet ta' tagħlim marbuta mal-analiżi u d-diskussjoni mhux biss tal-ġrajja imma anke mal-iżvilupp tal-karattri, l-isfond, l-istil, il-lessiku u l-espressjonijiet, l-implikazzjonijiet, ir-reazzjonijiet individwali u l-bqija...

- għandha ssir attività ta’ kitba (li tista’ tibda fil-klassi u titkompla d-dar) li ssaħħaħ dak li jkun sar fil-klassi. Din tista’ sservi għall-assessjar kontinwu.

## It-Tqassim tal-Marki tal-Komponiment Letterarju (20 marka)

| Il-kriterji | Livell 1 (30%) | Livell 2 (30%) | Livell 3 (40%) | Il-marki miksubin mill-kandidat |
|---|---|---|---|---|
| **Il-kontenut** | **1-2**<br>Il-kitba kważi ma fiha l-ebda spjegazzjoni li torbot ma’ dak li jitlob it-titlu | **3**<br>Spjegazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma’ dak li jitlob it-titlu | **4-5**<br>Evalwazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma’ dak li jitlob it-titlu | |
| **It-teknika, l-istil u l-espressjoni** | **1-2**<br>Ftit li xejn tifsir ta kif qed jitħaddmu t-tekniki relevanti għal dak li jitlib it-titlu<br>L-espressjoni użata ma tersaqx daqshekk lejn l-istil ta’ kritika letterarja | **3**<br>Tifsir ta’ kif qed jitħaddmu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu.<br>L-espressjoni użata qed tersaq lejn l-istil ta’ kritika letterarja. | **4-5**<br>Evalwazzjoni tal-effett li jħallu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu.<br>L-espressjoni użata toħloq l-istil mistenni f’kitba ta’ kritika letterarja. | |
| **Is-sekwenza u l-koerenza** | **0-1**<br>Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b’sekwenza ħażina jew ma teżistix. | **2-3**<br>Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra imma mhux dejjem ikun hemm sekwenza. | **4-5**<br>Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b’mod naturali u b’sekwenza tajba. | |
| **L-ortografija** | **0-1**<br>Il-kitba li fiha ħafna għeltijiet ortografiċi tal-Malti | **2-3**<br>Il-kitba fiha xi għeltijiet ortografiċi tal-Malti. | **4-5**<br>Kitba kważi nadifa minn għeltijiet ortografiċi tal-Malti. | |
| **Total** | **6 marki** | **12-il marka** | **20 marka** | **Minn 20 marka** |

# L-Assessjar Kontinwu - Is-Smigħ – 11-il sena

Minkejja li għall-eżami taċ-ĊES mhux se jkun hemm il-komponent tas-smigħ, huwa importanti li ngħallmu u nassessjaw din il-ħila fil-lingwa. Għalhekk, l-għalliema jridu jagħtu **test tas-smigħ WIEĦED** minn din il-kisba:

- **Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.**

**(20 marka għal kull taħriġ tas-smigħ)**

It-testi jistgħu jkunu moqrija jew irrekordjati/podcasts u huwa rrakkomandat li jkun hemm bilanċ bejn in-numru ta' testi moqrija u dawk irrekordjati. Jista' jintuża l-viżwal (stampi jew filmat) fis-silta.

It-testi tas-smigħ għandhom ikunu twal **300 kelma u mhux aktar minn 350 kelma**.

Jiġu segwiti l-istruzzjonijiet li jitħaddmu fl-assessjar annwali tas-smigħ u li fuqhom se jinħarġu linji gwida aktar 'il quddiem. Għandu jkun hemm **tmien (8)** mistoqsijiet imħallta u gradati li jinkludu:

- **mistoqsijiet referenzjali** fejn it-tweġiba tittieħed direttament mit-test;
- **mistoqsijiet ta' memorja** fejn it-tweġiba tittieħed minn dak li jiftakar mill-qari;
- **mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma u l-lessiku Malti** skont kif użati fit-test.
- **mistoqsijiet ta' identifikazzjoni tat-ton, tal-vuċi u ġesti differenti** kif użati fit-test.
- **mistoqsijiet ta' għarfien tal-ideat jew punti ġenerali f'temi differenti** kif użati fit-test.

It-tip tal-mistoqsijiet jistgħu jkunu: **Qabbel il-kolonni, għażliet multipli, kompli s-sentenza, imla l-vojt, veru jew falz, wieġeb il-mistoqsija, u poġġi fl-ordni kif issemmew**.

# L-Assessjar Kontinwu - It-Taħdit – 11-il sena

Isir **taħriġ WIEĦED ta' 20 marka** skont il-kriterji u l-linji gwida mogħtija hawn taħt: Jista' jintuża materjal stampat jew teknoloġiku li bihom l-istudent jista' jtejjeb xogħlu.

**Metodu ta' Assessjar: Taħdita**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1d Nippreżenta diversi punti għal taħdita | 1.2d Nagħti taħdita ppjanata b'mod individwali | 1.3d Nagħti taħdita ddettaljata |

L-għalliema jagħżel tema addattata għal-livelli tal-istudenti.

**JEW**

**Metodu ta' Assessjar: Talbiet/Mistoqsijiet**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1a Nagħmel xi talbiet jew mistoqsijiet ħfief biex nikseb it-tagħrif meħtieġ f'kuntesti varji tal-ħajja ta' kuljum billi nuża reġistri ta' taħdit formali, edukat u pulit. | 1.2a Nagħmel talbiet u mistoqsijiet biex nikseb it-tagħrif li neħtieġ billi naddatta l-livell ta' formalità fit-taħdit tiegħi skont is-sitwazzjoni, il-kuntest u l-udjenza. | 1.3a Nagħmel talbiet u mistoqsijiet b'reqqa biex nikseb tagħrif iddettaljat, bħal meta nitlob informazzjoni fuq suġġetti u proċessi ġodda li jkunu jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' dettalji. |

**Dawn il-kriterji tal-assessjar minn K2 tat-Taħdit jistgħu jintużaw għat-taħriġiet ta' fuq:**

| | | |
|---|---|---|
| 2.1a Nitkellem ċar u ninftiehem tajjeb bi pronunzja tajba, vuċi ċara, ton, ġesti u bi ftit espressjonijiet, b'mod li s-semmiegħ jifhem. | 2.2a Nitkellem b'mod mexxej u espressjoni idjomatika tajba, ħeffa naturali f'kull kuntest li fih nitkellem. | 2.3a Nitkellem b'kunfidenza, b'addattament xieraq fi kliemi, b'artikulazzjoni u tlissin sewwa tal-kliem skont il-kuntest u l-għan tal-komunikazzjoni. |
| 2.1b Nuża kliem sempliċi u dirett marbut mal-ħajja u l-esperjenzi tiegħi. | 2.2b Nuża kliem ċar u preċiż billi nagħraf inqabbel il-kontenut li ngħid mal-kuntest. | 2.3b Nuża kliem preċiż u varjat skont kif jitlob il-kuntest, bi stil/i u reġistru/i differenti, b'mod kunfidenti f'okkażjonijiet formali/informali. |
| 2.1ċ Nagħżel kliem xieraq biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni. | 2.2ċ Nagħżel kliem, espressjonijiet u ġesti xierqa biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni; b'hekk inwassal il-punt tiegħi b'aktar qawwa biex nikkonvinċi lill-udjenza. | 2.3ċ Nuża l-frażijiet it-tajba u kliem muftieħ b'intervent fid-diskussjoni, kif ukoll nagħti l-fehma tiegħi fil-mument opportun u skont il-kuntest, b'rabta ma' dak li jkun qed jiġi diskuss. |
| 2.1d Inwassal diskors sempliċi u nsemmi xi dettalji marbutin mas-suġġett mogħti. | 2.2d Nagħti bil-fomm il-livell meħtieġ ta' dettall f'dak li ngħid u nżomm dejjem mas-suġġett, wara li nagħraf u ngħarbel il-kuntest, is-sitwazzjoni u l-udjenza. | 2.3d Nuża firxa wiesgħa ta' lessiku u strutturi sintattiċi kumplessi biex nikkomunika kunċetti varji, filwaqt li naddatta l-livell ta' formalità tal-lingwa u l-istil tat-taħdit skont l-udjenza u l-kuntest. |
| 2.1e Nesprimi l-fehma tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba. | 2.2e Nesprimi xi fehmiet bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. | 2.3e Nesprimi għadd ta' fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. |

Għall-assessjar kontinwu jinħareġ biss fuq dawn il-kriterji u huma se jkunu l-evidenza ewlenija li tinżamm fil-fajl tal-assessjar kontinwu. Evidenza oħra, bħal ppt, ċarts, u l-bqija, tista' tinżamm ukoll.

## Skema tal-Marki tat-Taħdit Livell 1-2-3

| Livell 1 (30%) | Livell 2 (30%) | Livell 3 (40%) |
|---|---|---|
| **1. Il-kompetenza fit-taħdit** | | |
| **1-2**<br>Id-diskors **ma**<br>• jinstemax u ma jinftihemx sewwa;<br>• fihx pronunzja tajba;<br>• fihx intonazzjoni tajba;<br>• jagħmilx enfasi fejn meħtieġ. | **3**<br>Id-diskors **mhux dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. | **4-5**<br>Id-diskors **dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• jinstema' bi pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. |
| **2. Il-lessiku** | | |
| **1-2**<br>• Ħakma **limitata u ripetuta** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Għadd kbir** ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali. | **3**<br>• Ħakma **tajba minkejja xi ripetizzjonijiet** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit żbalji** spissi fil-korrettezza grammatikali. | **4-5**<br>• Ħakma **tajba u varjata** ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit li xejn** żbalji fil-korrettezza grammatikali. |
| **3. L-istruttura tad-diskors** | | |
| **0-1**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura mħawda** li ma jagħmlux sens;<br>• Ftit li **xejn ideat** u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet<br>• **Bla ebda sens** ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **2-3**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** imma xi drabi **ma jagħmlux sens mill-ewwel**;<br>• **Ftit ideat** li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• **Ftit binja** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **4-5**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** u li jagħmlu sens;<br>• **Għadd ta' ideat** bi ftit li xejn ripetizzjoni;<br>• **Binja tajba** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. |
| **4. Il-kontenut ippreżentat** | | |
| **0-1**<br>• **Ftit li xejn diskors korrett** marbut mat-tema;<br>• Fatti mogħtija **bla sekwenza;**<br>• **Qatt jew rari** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **2-3**<br>• **Deskrizzjoni tajba u fil-parti l-kbira tagħha hi korretta** u taqbel mat-tema;<br>• sekwenza tajba **bi ftit żbalji** tal-fatti mogħtija;<br>• **xi drabi** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **4-5**<br>• **Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta** mat-tema;<br>• **sekwenza tajba** tal-fatti mogħtija;<br>• **jingħataw** ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a. |
| **Total minn 20 marka** | __________ | ____________________<br>**Firma tal-għalliem/a** |